ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 491**

**It-Tnejn 26 ta' Marzu, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**491.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

491.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku jkun skużat.

**491.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

491.2.1 Il-minuti tal-490 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**491.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

491.3.1 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent kien tlesta. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien applika ma' Transport Malta sabiex isiru *pelican lights* fil-viċinanzi tal-ħanut '*Pizza per Voi*'. Is-Sindku żied jgħid illi x-xogħol meħtieġ ta' żebgħa fi Triq il-Kunvent kien ser isir fil-ġranet li ġejjin.

491.3.2 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kellu jsir fi Triq Wied ta' Mazza u qal illi l-proċess tal-offerti sabiex jingħata wiċċ ġdid fi Triq Wied ta' Mazza ġie konkluż. Is-Sindku qal ukoll illi ma kellux informazzjoni dwar jekk hux se jsir ix-xogħol tad-drenaġġ f'din it-triq.

491.3.3 Is-Sur John J Pace talab biex il-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex ir-residenti fi Triq Wied ta' Mazza jkollhom parkeġġ riservat għalihom. Is-Sindku qal illi Transport Malta ma kinitx qed toħroġ permessi ġodda sabiex isir parkeġġ riservat għar-residenti.

491.3.4 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-pjan tax-xogħlijiet li ser isiru fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku qal illi ix-xogħlijiet jinkludu *traffic management* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Lantas Petshop,* spustjar tal-*bus stop* fi Triq is-Santwarju, xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankini fi Triq il-Qaqoċċ u fi Triq il-Kbira u jiġu rranġati l-culverts fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal ukoll illi kien ser jibgħat *power point presentation* bix-xogħlijiet imsemmija.

491.3.5 Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill u ġiet diskussa l-possibiltà li tiġi rranġata Triq il-Kbira peress illi kienet qed tisfronda t-triq. Is-Sindku qal ukoll illi l-Perit kien infurmah li x-xogħol meħtieġ kien jinvolvi spejjeż kbar.

491.3.6 Fis-6.15 ta' filgħaxija s-Sur Roderick Vella daħal għal-laqgħa.

491.3.7 Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-Kunsill li ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Ġunju u qal illi kienu għadhom għaddejin bid-diskussjonjiet dwar din l-attività mal-għaqdiet. Is-Sindku qal ukoll illi flimkien miegħu, il-Kunsillieri nvoluti fid-diskussjonijiet kienu is-Sur Julian Paul Scicluna, is-Sur Roderick Vella, is-Sur

Brian Spiteri u s-Sur Joseph Vella, filwaqt li mill-għaqdiet kien hemm is-Sur Lawrence Bugelli f'isem s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Grateæ, is-Sur Pierre Pisani f'isem l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u s-Sur Reuben Pullicino f'isem il-Grupp Armar tal-Festi. Is-Sindku żied jgħid illi għal dawn id-diskussjonjiet kien qed jattendi ukoll is-Sur Gordon Pace.

491.3.8 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex tiġi organizzata l-attività fid-9 ta' Ġunju, 2018 u li din is-sejħa tinħareġ b'urġenza u tkun miftuħa għal perjodu ta' għaxart ijiem.

**491.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

491.4.1 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx applika sabiex isiru installazzjonijiet ġodda ta' *WIFI* f'postijiet pubbliċi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi għalissa l-Kunsill ma kienx infurmat illi hemm applikazzjonijiet miftuħa għall-installazzjoni ta' *WIFI.*

491.4.2 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx ser isir il-ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

491.4.3 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Buttigieg talab li jkun skużat.

491.4.4 Is-Sur Roderick Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar meta ser jitlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

491.4.5 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien hemm telqa kbira fis-*soft areas* tal-*Housing Estate* speċjalment fis-*soft area* li hemm fi Triq il-Klin.

491.4.6 Is-Sur Joseph Bonnici offra kotba tal-*encylopedia* għal-librerija tal-Kunsill.

491.4.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi kienet niżlet parti mit-triq fil-viċinanzi tat-*traffic lights* fi Triq il-Mina ta' Hompesch u konsegwenza ta' hekk kien qed iżomm ħafna ilma.

491.4.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm ħofra perikoluża fi Triq is-Santwarju quddiem it-Tabib Cassar Delia.

491.4.9 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jingħata wiċċ ġdid fi Trejqet San Ġorġ Preca.

491.4.10 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata trinka f'Misraħ is-Sliem peress illi kienet sfrundat.

491.4.11 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min kien responsabbli sabiex jirranġa l-bankina wara li jsir xogħol ta' kostruzzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hija responsabbiltà tas-sid. Is-Sinjura Calleja staqsiet ukoll jekk il-Kunsill kienx qed jitlob depożitu ta' flus f'każ li persuna titlob awtorizzazzjoni li tiddepożita krejnijiet u makkinarji oħra fit-triq. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv u qal illi l-kuntrattur diġa jkollu garanzija mal-*Planning Authority*. Is-Sinjura Calleja qalet illi wħud mill-kuntratturi kienu qed iħallu l-bankina mkissra wara li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni.

491.4.12 Is-Sur Joseph Agius staqsa f'hix kien wasal il-proċess ta' titjib u devoluzzjoni tal-berġa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kienu qiegħdin isiru laqgħat ma' uffiċjali mill-*Primary Health Care.*

491.4.13 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Giovanna Maria Sacco dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonardu, fejn talbet kumpens ta' €70 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

491.4.14 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva ittra legali mingħand Dr Jonathan Abela għan-nom tas-Sur Paul Cassar minħabba li tneħħew xi postijiet tal-parkeġġ wara li sar xogħol f'bankina fi Triq il-Kappuċċini. Is-Sindku qal illi kien għadda kopja tal-korrispondenza lil Transport Malta u s-Sur Silvio Scerri kien bgħat lil Dr Abela li l-Kunsill għandu l-poter, bl-att li jirregola lill-Kunsilli, li jagħmel il-bankini skont il-*policy* ta' Transport Malta bħala risposta.

491.4.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu ser tittella attività bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u l-Kunsill iħallas għall-kiri ta' dawl sabiex tinxtgħel Triq is-Santwarju matul din l-attività.

## 491.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

491.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Diċembru 2017. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

## 491.6 Pjan ta' Ħidma 2018-2020

491.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2018 - 2020. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

## 491.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti

Offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017*(ZLC 2/2018)

491.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien sar tibdil fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017*, u minflok il-membri nominati is-Sinjuri Joseph Buttigieg, Brian Spiteri Robert Buhagiar, iservu bħala membri is-Sur Laurence Manicaro, Dr Desiree Attard u l-Perit Robert Ellul.

491.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi erba' offerti għall-provvista u tħawwil ta' siġar u pjanti bl-użu ta' prodotti, sistemi u prattiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħala parti mill-*Urban Greening Project 2017* ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti li ġew mitfugħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-kumpanija Xerri's *Landscaping Co. Ltd* għall-prezz ta' €22,624.46 eskluż il-vat. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

## 491.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

491.8.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Frar 2018 u s-26 ta' Marzu 2018 li kienet tammonta għal €54,920.24.

491.8.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2018 li kien jammonta għal €59.53.

## 491.9 Mozzjonijiet; u

491.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**491.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

491.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-492 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 t'April, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku